Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,425, 19 ta' Ġunju, 2020
Taqsima B

A.L. 249 tal-2020

ATT DWAR ARTIJIET TAL-GVERN
(KAP. 573)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fidi ta' Proprjetà tal-Gvern jew tal-Awtorità tal-Artijiet miżmuma b'Titolu ta' Enfitewsi Perpetwa Rivedibbli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bil-partita (L) tal-artikolu 31(g) tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fidi ta' Proprjetà tal-Gvern jew tal-Awtorità miżmuma b'Titolu ta' Enfitewsi Perpetwa Rivedibbli u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Fidi ta' Proprjetà tal-Gvern jew tal-Awtorità miżmuma b'Titolu ta' Enfitewsi Perpetwa Rivedibbli, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 573. 07.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Is-somma li għandha titħallas għall-fidwa taċ-ċens perpetwu u rivedibbli għandha tkun daqs l-ammont taċ-ċens fis-seħħ aġġustat skont l-indiċi tal-inflazzjoni meħuda mis-sena ta' qabel ma tkun saret l-applikazzjoni taħt dawn ir-regolamenti u l-indiċi tal-inflazzjoni meħuda fis-sena ta' qabel ma oriġina l-kuntratt ta' enfitewsi perpetwa kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%).

F'każ li l-kuntratt kien diġa' ġie soġġett għal reviżjoni, il-fidwa taċ-ċens perpetwu u rivedibbli għandha tkun daqs l-ammont taċ-ċens fis-seħħ aġġustat skont l-indiċi tal-inflazzjoni meħuda mis-sena ta' qabel ma tkun saret l-aħħar reviżjoni kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%).

Dan is-subregolament għandu japplika irrispettivament mill-metodu użat biex jiġi rivedut iċ-ċens perpetwu.".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(b) il-paragrafi (f) u (g) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (e) u (f) rispettivament.